RIT TAD-DĦUL TAL-ADULTI FIL-ĦAJJA NISRANIJA

# TISĦIB TAL-ADULTI FIL-ĦAJJA NISRANIJA

Arċidjoċesi ta' Malta

il-vjaġġ biex tissieħeb fil-ħajja Nisranija

## Jekk m'intix mgħammed...

### Hemm seba' passi għat-tisħib fil-Knisja Kattolika:

1 **Il-pre-katekumenat** huwa żmien fejn inti mħeġġeġ tfittex, tistaqsi u tibni ħbiberija ma' persuna fil-Knisja li 'l quddiem tkun tista' tkompli takkumpanjak, jew anke tkun **il-parrinu jew parrina** tiegħek

2 **Ir-Rit tad-Dħul** fl-Ordni tal-**Katekumeni**

3 Il-**Katekumenat**, li hu perjodu ta' tagħlim f'komunità żgħira mmexxija minn **katekisti**

4 **Ir-Rit tal-Għażla** li jsir fl-ewwel Ħadd tar-Randan u jagħti bidu għal żmien intensiv ta' **tisfija** bi preparazzjoni għall-Għid Imqaddes. Il-katekisti u l-parrinu jew parrina tiegħek jippreżentawk quddiem il-Knisja u minn issa 'l quddiem tkun tissejjaħ **Magħżul jew Magħżula**

5 Matul ir-Randan, tieħu sehem fit-**tliet skrutinji** u riti oħra preparatorji qabel ma tersaq quddiem l-**Arċisqof** biex tirċievi s-**sagramenti tad-Dħul fil-Ħajja Nisranija**

6 Fil-**Vġili tal-Għid**, tirċievi s-**sagramenti tad-Dħul fil-Ħajja Nisranija,** jiġifieri **l-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof u l-Ewkaristija**

7 Matul iż-**żmien tal-Għid**, tagħmel mixja ta' tagħlim imsejħa **mistagoġija** fil-komunità tal-parroċċa tiegħek sabiex flimkien tkomplu tikbru u timxu 'l quddiem fil-**Ħajja Nisranija**

## Jekk inti Nisrani imma m'intix membru tal-Knisja Kattolika...

Il-mixja tiegħek tkun tixbah lil dik tal-katekumeni, imma adattata għall-bżonnijiet partikolari tiegħek

Tħejji ruħek biex tirċievi s-sagrament tal-**Griżma tal-Isqof** u tieħu sehem fl-**Ewkaristija** bħala membru sħiħ tal-Knisja Kattolika

## Jekk inti rċivejt il-Magħmudija fil-Knisja Kattolika...

Il-proċess ta' formazzjoni jkun adattat għall-bżonnijiet tiegħek biex tkun ippreparat/a tajjeb biex tirċievi s-sagrament tal-**Griżma tal-Isqof**

## IKKUNTATJANA


welcome.church.mt

Christian Initiation of Adults - Archdiocese of Malta

ocia@maltadiocese.org

2590 6510

x'inhu il-proċess ta'

# tisħib tal-adulti fil-ħajja nisranija

TISĦIB TAL-ADULTI FIL-ĦAJJA NISRANIJA

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

welcome.church.mt